



Brussell, 16 ta' Ottubru 2020
(OR. en)

11815/20

Fajls Interistituzzjonali:
2020/0257(NLE)
2020/0258(NLE)

TRANS 466

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.	11529/20
Nru dok. Cion:	10942/20 + ADD1 10945/20 + ADD1
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Protokoll għall-Ftehim dwar it-trasport okkażjonali internazzjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank (Ftehim Interbus) fir-rigward tat-trasport internazzjonali regolari u regolari speċjali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank – Adozzjoni Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim dwar it-trasport okkażjonali internazzjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank (Ftehim Interbus) fir-rigward tat-trasport internazzjonali regolari u regolari speċjali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank – Qbil fil-prinċipju – Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

1. Fit-18 ta' Settembru 2020, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill żewġ proposti dwar is-suġġetti ta' hawn fuq.

2. Matul l-2017, il-Kummissjoni, abbażi ta' mandat mill-Kunsill, innegozjat mas-seba' Partijiet Kontraenti l-oħra¹ protokoll għall-Ftehim Interbus li jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-ftehim għat-trasport regolari u regolari speċjali bil-kowċ u bix-xarabank, bil-għan li jkun hemm proċedura ta' awtorizzazzjoni uniformi għal linji internazzjonali regolari soġġetta għall-implimentazzjoni tal-acquis tal-UE fil-qasam tat-trasport bit-triq tal-passiġġieri. Wara l-iskadenza tal-perijodu għall-iffirmar ta' dak il-protokoll f'April 2019, mingħajr il-kisba ta' numru suffiċjenti ta' firem, fit-18 ta' Frar 2020 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex twettaq negozjati addizzjonali sabiex tagħmel ċerti bidliet tekniċi fit-test tal-protokoll.² Matul in-negozjati sussegwenti, il-Kummissjoni kkonsultat mal-kumitat speċjali tal-Kunsill u, f'Ġunju 2020, ipprovdietlu d-dettalji tal-bidliet tekniċi maqbula mal-Partijiet Kontraenti l-oħra.³ B'mod partikolari, biex jidħol fis-seħħ, il-protokoll emendat ikun jeħtieġ il-konklużjoni jew ir-ratifika minn tliet Partijiet Kontraenti għall-Ftehim Interbus (minflok erbgħa), il-perijodu għall-iffirmar tal-protokoll emendat jiġi estiż għal sentejn, u jitqassar il-perijodu għad-dħul fis-seħħ tiegħu wara r-ratifika.
3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art iddiskuta l-proposti matul laqgħa informali fis-6 ta' Ottubru 2020. Id-delegazzjonijiet b'mod ġenerali laqgħu l-inizjattivi, u xi wħud minnhom ħallew kummenti tekniċi u qajmu mistoqsijiet dwar il-funzjonament futur tal-protokoll, inkluż matul konsultazzjoni sussegwenti bil-miktub. Delegazzjoni waħda ssuġġeriet li d-dispożizzjonijiet dwar is-sħubijiet lokali għandhom iqiegħdu lill-pajjiżi li jiġu maqsuma bħala parti mir-rotta fuq l-istess livell tal-pajjiżi li jinsabu fil-punti tat-tmiem ta' rotta ta' karozzi tal-linja. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni ssottolinja li xi Partijiet Kontraenti sadanittant kienu indikaw li huma lesti li jiffirmaw il-protokoll, u li l-protokoll joffri wkoll l-għażla ppreferuta għar-relazzjonijiet futuri fit-trasport regolari internazzjonali tal-passiġġieri bejn l-UE u r-Renju Unit. Wara d-deliberazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma, ħlief għal aġġustament tekniku⁴, ma saret l-ebda bidla għall-abbozz ta' deċiżjonijiet, soġġetti għal reviżjoni mill-ġuristi lingwisti.

¹ Ir-Repubblika tal-Albanija, il-Bożnija-Herzegovina, ir-Repubblika tal-Moldova, il-Montenegro, ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq, ir-Repubblika tat-Turkija, l-Ukrajna. Il-Prinċipat ta' Andorra ssieħeb f'Awwiisu 2020.

² Ara d-dokument ST 5587/20+ADD1.

³ Ara d-dokument ST 9072/2020.

⁴ Ara d-dokument 11529/20.

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil li ntlaħaq fil-Grupp ta' Ħidma u jissuġġerixxi li l-Kunsill:
- jadotta d-deċiżjoni dwar l-iffirmar (dok. 11438/20);
 - jaqbel fil-prinċipju dwar id-deċiżjoni dwar il-konklużjoni (dok. 11441/20) u jiddeċiedi li jibgħatha, flimkien mat-test tal-protokoll (dok. 11442/20), lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.
5. Il-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat, f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-protokoll.
-